# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-18 ta' Diċembru 2007**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni**

(2008/30/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]), u b'mod partikolari l-punt 28 tagħha,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, ([2]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni.,

Wara li kkunsidra l-Konċiljazzjoni Baġitarja tat-13 ta' Lulju 2007,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea ħolqot Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-"Fond") biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li jsofru mill-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fil-kummerċ globali u biex jgħinuhom jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol.

(2) Il-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 tippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 jinkludi d-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-Fond jista' jiġi mmobilizzat.

(4) Il-Ġermanja u l-Finlandja ppreżentaw l-applikazzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond, minħabba żewġ każijiet ta' tkeċċijiet ta' ħaddiema fis-settur tat-telefonija ċellulari: BenQ fil-Ġermanja u Perlos Oyj fil-Finlandja,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jkun immobilizzat għal ammont totali ta' EUR 14 794 688.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2007

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | M. LOBO ANTUNES |

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.